

Wiċċ nazzjonali ġdid ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni

(2013/C 272/05)



Il-wiċċ nazzjonali tal-munita kommemorattiva l-ġdida ta' 2 euro biex titqiegħed fiċ-ċirkolazzjoni u maħruġa mir-Repubblika Ellenika

Il-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni huma valuta legali fiż-żona tal-euro kollha. Il-Kummissjoni tippubblika deskrizzjoni tad-disinji tal-muniti l-ġodda kollha, bħala informazzjoni għall-pubbliku u għall-partijiet kollha li jużaw il-muniti ⁽¹⁾. Skont il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 ⁽²⁾ dwar dan, l-Istati Membri fiż-żona tal-euro u l-pajjiżi li kkonkludew ftehim monetarju mal-UE li jistipula l-ħruġ ta' muniti tal-euro huma awtorizzati li joħorġu muniti kommemorattivi tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni sakemm jintlaħqu ċerti kundizzjonijiet, notevolment li dawn ikunu biss muniti taż-2 euro. Dawn il-muniti għandhom l-istess karatteristiċi tekniċi bħall-muniti l-oħra ta' EUR 2, iżda l-wiċċ nazzjonali tagħhom ikun fih disinn kommemorattiv li jkun tassew simboliku f'termini nazzjonali jew Ewropej.

Il-pajjiż li qed joħroġ il-munita: Ir-Repubblika Ellenika

Is-suġġett tal-kommemorazzjoni: L-2 400 Anniversarju mit-twaqqif tal-Akkademja ta' Platon.

Deskrizzjoni tad-disinn:

Ritratt ta' Platon (fi profil). Fuq ix-xellug: il-kliem "2 400 sena mit-twaqqif tal-Akkademja ta' Platon" u "Ir-Repubblika Ellenika" b'ittri tal-Greċja Antika. Fuq il-lemin: "2013" u l-monogramm taz-zekka Griega. Isfel, "ΣΤΑΜ" (il-monogramm tal-awtur G. Stamatopoulos).

Iċ-ċirku ta' barra tal-munita juri t-12-il stilla tal-bandiera Ewropea.

L-għadd ta' muniti li għandhom jinħarġu: massimu ta' 750 000

Id-data tal-ħruġ: Fil-ħarifa tal-2013

⁽¹⁾ Ara ĠU C 373, 28.12.2001, p. 1 għall-uċuħ nazzjonali tal-muniti kollha li nħarġu fl-2002.

⁽²⁾ Ara l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji tal-10 ta' Frar 2009 u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2008 dwar linji gwida komuni għall-uċuħ nazzjonali u l-ħruġ ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni (ĠU L 9, 14.1.2009, p. 52).